**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 26 ta' Gunju 2025**

**<u>Rikors nru ;252/2025 AGV ;</u>**

**SV G**

**vs**

**AVG**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- Rikors ta' S V G**

Tesponi bir-rispett:

1. ILLI r-rikorrenti izzewwget lill-intimat nhar t-8 ta' Settembru 2009 f'Malta skond certifikat taz-zwieg anness u immarkat **Dok A** u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel L li ghandu erbatax il-sena
2. ILLI l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella tat-12 ta' Frar 2025 fejn fl-istess kuntratt (para 14), l-partijiet iddikjaraw li ilhom separati de facto minn Frar 2024 **Dok B;**
3. ILLI l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt taghhom li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin u fir-rigward tal-minuri ma hemmx arretrati ta' manteniment u spejjez dovuti;
4. ILLI llum ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
5. ILLI dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. ILLI finalment l-esponenti tiddikjara li hija tixtieq li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe M .

**Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbbli Qorti sabiex:**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta b'dan li tawtorizzha lil esponenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe M ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru

Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet u bit-tibdil fil-kunjom sabiex huwa jirregistra l-istess.

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Il-Qorti , rat li l-konvenut ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tad-divorzju

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza, ai termini tal-ligi.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**